MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 56/2005

**A B**
**Vs**
**C D f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E, nominata b' digriet tal-15 ta' Marzu 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Billi l-attur izzewweg lill-konvenuta C D fil-5 ta' Ottubru 1996 skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument 'A' u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied.

U billi l-attur u l-konvenuta C D sseparaw *de facto* f'Awissu tas-sena 1999.

U billi l-attur u l-konvenuta C D sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Robert G Muscat nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar elfejn u hamsa (2005) hawn anness u markat bhala Dokument 'B'.

U billi l-konvenuta C D kellha tifel li twieled fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) bl-isem ta' 'E' u dan skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat bhala Dokument 'C' bin-numru ta' registrazzjoni erbat elef mija u disgha u hamsin (4159) tas-sena elfejn u erbgha (2004).

U billi in effetti l-minuri 'E' twieled minn relazzjoni extra-matrimonjali li l-konvenuta C D kellha ma' terza persuna.

U billi minhabba li t-tarbija twieldet fiz-zwieg giet registrata bhala iben l-attur u b'kunjom l-attur u cioe' 'B' meta hu mhuwiex il-missier.

U billi l-attur jixtieq jichad li jaghraf l-imsemmija tarbija li effettivament mhuwiex ibnu.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-imsemmija tarbija 'E' mhuwiex wild naturali ta' l-attur; u

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru ta' registrazzjoni erbat elef mija u disgha u hamsin (4159) tas-sena elfejn u erbgha (2004), mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem 'A (A-G) B', in-numru tal-karta ta' l-identita' tal-attur, il-professjoni jew sengha ta' l-attur, l-eta', il-post ta' twelid u residenza ta' l-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex haj jew mejjet u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba u jekk jehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur A B ghandu jispecifika fit-talbiet attrici jekk fil-kolonni rispettivi li jaghtu d-dettalji tal-missier tat-tarbija ta’ l-Att tat-Twelid in kwistjoni ghandux jitnizzel ‘missier mhux maghruf’ jew id-dettalji personali ta’ l-allegat missier naturali.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost,jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem “the said” jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

4. Illi l-interessi tal-minuri ghandhom jigu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda ta’ dawn il-partijiet;

Rat n-nota prezentata mill-konvenuta li biha ammettiet it-talba ta’ l-attur kif dedotta fic-citazzjoni;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-rapport xjentifiku ta’ l-espert Dottor Renald Blundell minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri E registrat bil-kunjom “B” fl-Att tat-Twelid numru 4159/2004 mhuwiex il-wild naturali ta’ l-attur; u talab id-debiti korrezzjonijiet.

Mill-provi jirrizulta pacifiku li fid-29 ta’ Novembru 2004 twieled il-minuri E mill-konvenuta Maria Angela D meta din kienet ilha separata de facto minn ma’ l-attur zewgha mid-29 ta’ Awissu 1996. Il-partijiet ikkonfermaw li wara din id-data ma kellhomx relazzjonijet intimi, u l-konvenuta bdiet tikkoabita ma’ terza persuna li mieghu kellha relazzjoni li minnha twieled il-minuri.

Illi r-rizultat ta’ testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuna tal-konjugi u tal-minuri, eskluda lill-attur bhala il-missier bijologiku tal-minuri E; u ghalhekk tinsab eskluza b’ certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri E mhuwiex it-tifel naturali ta’ l-attur; u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkorreggi l-Att tat-Twelid numru 4159/2004 tal-minuri E billi jitnehhew l-isem u l-konnotati ta’ l-attur, u minflok, jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf”.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta proprio.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------